# Festi u Ċerimonji Musulmani



# Festi u Ċerimonji Musulmani

Rashid Ahmad Chaudhry

Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta

# Muslim Festivals and Ceremonies in Maltese Language

# Festi u Ċerimonji Musulmani

Kitba ta'

**Rashid Ahmad Chaudhry**

© Islam International Publications Ltd

Tradott għall-Malti u ppubblikat f'Malta (2016)

Pubblikazzjoni ta'

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**

**Tel**: +356-27342401 - **Tel**: +356-21322105
**Mob:** +356-79320139 - **Fax:** +356-27322105
**Email: amjmalta@gmail.com**

**www.ahmadiyyamalta.org**

**www.ahmadiyya.org.mt**

**ISBN 978-99957-59-07-0**

Stampa: © shutterstock.com

# WERREJ


| | | Paġna |
|---|---|---|
| 1. | X’inhu l-Iżlam? | 1 |
| 2. | Il-kalendarju Musulman | 5 |
| 3. | Festi Musulmani | 8 |
| 4. | Il-Ġimgħa, jum sagru għall-Musulmani | 11 |
| 5. | Eid-ul-Fitr | 21 |
| 6. | Eid-ul-Ażħa | 27 |
| 7. | Xab-e-Miraġ | 35 |
| 8. | Lailat-ul-Qadr (Il-Lejl tad-Deċiżjoni) | 37 |
| 9. | Eid Milad-un-Nabi | 40 |
| 10. | Il-Festa ta’ Muħarram | 42 |
| 11. | Ċerimonji marbuta mat-twelid | 44 |
| 12. | Iċ-ċerimonja taż-żwieġ | 48 |
| 13. | Is-servizz tat-Talba tal-Funeral | 53 |

# Introduzzjoni

Bl-introduzzjoni tal-istudji multireliġjużi f'xi skejjel Ewropej u l-għadd dejjem jiżdied ta' studenti Musulmani, aħna rċevejna ħafna talbiet minn għalliema kif ukoll studenti biex nipprovdu informazzjoni dwar il-festi Iżlamiċi. Il-ktejjeb għall-istudenti tas-Sur Rashid Ahmad Chaudhry bit-titlu *Festi u Ċerimonji Musulmani* fih informazzjoni abbundanti, mhux biss dwar uħud mill-festi fl-Iżlam u r-ritwali magħmula mill-Musulmani waqt it-twelid, iż-żwieġ u l-mewt, li sa issa ma kinitx aċċessibbli għall-qarrejja, iżda wkoll dwar aspetti oħra tar-Reliġjon Iżlamika.

Kważi l-festi kollha għandhom valuri soċjoreliġjużi, u għalhekk l-awtur ħa ħsieb iżomm f'moħħu d-diversità enormi li teżisti fost id-denominazzjonijiet differenti tal-Musulmani. Għaldaqstant huwa inkluda wkoll dawk ir-riti u użanzi, li għalkemm mhumiex mitluba essenzjalment mill-Fidi Iżlamika, madankollu jiġu pprattikati minn xi Musulmani b'ħafna entużjażmu u fervur.

Huwa ttamat li din l-edizzjoni, li ġiet riveduta minn kumitat għal-letteratura tat-tfal, tibqa' għodda prezzjuża kemm għall-għalliema kif ukoll għat-tfal, u aktar u aktar għal dawk kollha li huma involuti fil-benesseri u fl-edukazzjoni tat-tfal.

Is-Segretarju
Il-Kumitat għall-Ktieb tat-Tfal
Tal-Komunità Aħmadija Musulmana

# Daħla

Biex tinżamm l-armonija soċjali f'soċjetà li dejjem qed jiżdiedu fiha l-kulturi differenti u biex jitwarrbu l-barrieri ta' preġudizzji li jeżistu llum il-ġurnata, huwa essenzjali li kulħadd ikun konxju tal-varjazzjonijiet kulturali tan-nies li jgħixu f'dik is-soċjetà. Mod wieħed ta' kif isir studju tal-istil ta' ħajja ta' komunità huwa billi wieħed janalizza l-festi tagħha. Il-festi Iżlamiċi mhumiex biss okkażjonijiet soċjali mlewna u ferrieħa; iżda fil-fatt jirrappreżentaw ukoll l-aspetti ħajja tat-Twemmin.

F'dan il-ktejjeb jiena fissirt mhux biss il-karatteristiċi ta' dawk il-festi Iżlamiċi li huma ċċelebrati madwar id-dinja kollha bħall-Jum tal-Ġimgħa u l-Għejjied, iżda wkoll xi festi Musulmani oħra li huma popolari fis-soċjetà Musulmana tal-lum.

Inħossni ferm grat u midjun bil-bosta ma' Maulana Sheikh Mubarak Aħmad, l-Imam tal-Moskea ta' Londra, mas-Sur M.A. Saqi, deputat Imam tal-Moskea ta' Londra, u mas-Sur Mansoor Shah, editur tal-*Muslim Herald*, għas-suġġerimenti u l-kummenti prezzjużi tagħhom li wasslu biex dan il-ktejjeb jieħu s-sura attwali tiegħu.

Ir-referenzi kollha huma meħuda mill-Koran Imqaddes, ħlief jekk ma jingħadx mod ieħor.

**Rashid Ahmad Chaudhry**

بسم الله الرحمن الرحيم

F’Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin

# X’inhu l-Iżlam?

L-Iżlam hija r-reliġjon imħabbra u ppratikata mill-Profeta Muħammad, il-paċi u l-barkiet ta’ Alla jkunu fuqu. ‘Iżlam’ hija kelma Għarbija li tfisser ‘paċi’. Tfisser ukoll ‘sottomissjoni’. Għalhekk il-Musulman huwa persuna li tfittex il-paċi u tipprova tgħixha tul ħajjitha kollha. Huwa wkoll il-persuna li tissottometti lilha nnifisha għar-rieda ta’ Alla, kif indikat fil-Koran, il-ktieb sagru tal-Musulmani, li kull kelma fih ġiet rivelata lill-Qaddis Profeta tal-Iżlam. Il-Musulmani jemmnu fil-Profeti kollha ta’ Alla, iżda l-Qaddis Profeta Muħammad, il-paċi tkun miegħu, huwa meqjus bħala l-akbar fost il-Profeti kollha u l-aqwa raġel fost l-irġiel.

## Il-ħames kolonni tal-Iżlam

Il-qima fl-Iżlam għandha ħames karatteristiċi li huma magħrufa bħala l-ħames kolonni tal-Iżlam. Huma dawn li ġejjin:

i) **Id-dikjarazzjoni tal-fidi**: 'M'hemm ħadd denju tal-qima ħlief Alla u Muħammad huwa l-Messaġġier ta' Alla'.

ii) **Salat (Talb)**: Li jsiru ħames Talbiet kuljum fil-ħin stipulat tagħhom.

iii) **Żakat**: Li jingħata ċertu persentaġġ mill-qligħ ta' dak li jkun għall-benefiċċju tal-fqar u għal xi kawżi nobbli oħra.

iv) **Is-sawm** fix-xahar tar-Ramażan.

v) **Il-Ħaġġ**: il-pellegrinaġġ għall-Kaaba fl-Arabja Sawdita almenu darba fil-ħajja ta' bniedem, dejjem jekk ikun fiżikament u finanzjarjament possibbli u jekk il-vjaġġ ma joffri l-ebda periklu.

## Ir-regolamenti tal-ikel u x-xorb

Intom li temmnu, kulu mill-ħwejjeġ tajba li tajniekom, u roddu ħajr lil Alla, jekk intom verament taduraw Lilu. Huwa ma takomx permess biex tieklu affarijiet mejtin, u d-demm u l-laħam tal-ħanżir, u dak kollu li fuqu ssejjaħ l-isem ta' ħaddieħor barra ta' Alla (2:173, 174).

Huwa pprojbit għalikom il-laħam ta' annimal mejjet, id-demm, laħam il-ħanżir, u dak li fuqu ssejjaħ l-isem ta' ħaddieħor barra ta' Alla; u

l-laħam ta' annimal li nħanaq, jew issawwat għall-mewt, jew miet b'xi waqgħa jew b'xi daqqa ta' qarn; u li ttiekel diġà minn xi annimal salvaġġ, sakemm ma ġiex maqtul kif inhu xieraq qabel mewtu; u dak li nqatel fuq altar... Iżda dawk li l-bżonn iwassalhom biex jieklu minn dawn kollha, mingħajr il-ħsieb tagħhom li jidinbu, f'dak il-każ, bla dubju ta' xejn, Alla Jaħfer Dejjem u Huwa Dejjem Ħanin (5:4).

Huma permissibbli għalikom il-kwadrupedi mir-razza tal-frat ħlief dawk li huma espressivament ipprojbiti, u m'għandkomx tqisu l-annimali bħala leġittimi waqt li tkunu fi stat ta' pellegrinaġġ (5:2).

Jiswa  għalikom sajd il-baħar u l-ikel tiegħu, biex ikun tgawdija għalikom u għall-vjaġġaturi (5:97).

Jistaqsuk dwar ix-xorb u l-logħob għall-flus. Għidilhom: hemm dnub kbir fit-tnejn u xi gwadann għal xi nies, iżda l-ħsara tagħhom huwa ferm akbar mit-tajjeb tagħhom (2:220).

Minn dawn is-siltiet tal-Koran Imqaddes nikkonkludu li dawn li ġejjin huma pprojbiti fl-Iżlam:

a) Annimali u għasafar li mietu mewta naturali.

b) Annimali li ma nqatlux f'isem Alla.

ċ) Annimali li ġew fgati għall-mewt.

d) Il-laħam tal-ħanżir.

e) Annimali mikula minn bhima salvaġġa.

f) Demm.

ġ) Alkoħol.

Dak l-ikel li huwa pprojbit fl-Iżlam jissejjaħ **ĦARAM** filwaqt li dak li huwa permissibbli jissejjaħ **ĦALAL**.

L-Iżlam iħeġġeġ lil kull Musulman biex jgħid din it-talba qabel ma jiekol:

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

**'Biss Millaħ, Ħir Raħma, Nir Raħim.'**

Traduzzjoni:
F'Isem Alla, Kollu Grazzja, il-Ħanin,

u jgħid din meta jispiċċa:

ٱلْحَمْدُلِلّٰهِ ٱلَّذِىْ اَطْعَمَنَا وَ سَقَا نَا وَ جَعَلَنَا مِنَ الْمُسْلِمِيْنَ ۔

**‘Al-Ħamdo Lilla ħillażi atamana wa sakana wa jaalana minal Muslimeen.’**

Traduzzjoni:

Infaħħru ’l Alla li tana x’nieklu u x’nixorbu u li għamilna Musulmani.

L-Iżlam iħeġġeġ ukoll lil kull Musulman biex jiekol b’idu l-leminija u biex jaħsel idejh qabel u wara kull ikla.

# Il-Kalendarju Musulman

“Qed isaqsuk, Ja Profeta, dwar il-fażijiet tal-qamar. Għidilhom: Dawn il-bidliet huma mezz ta’ kif jiġi determinat il-ħin ħalli n-nies ikunu jistgħu jimmaniġġjaw l-affarijiet tagħhom u minħabba l-Pellegrinaġġ.” (2:190)

Il-kalendarju Musulman huwa bbażat fuq iċ-ċiklu lunari u mqabbel mal-kalendarju solari jimxi ’l quddiem b’xi ħdax-il ġurnata fis-sena. Xahar huwa meqjus mid-dehra ta’ qamar ġdid għad-dehra ta’ ieħor. Ix-xahar lunari, għaldaqstant, jikkonsisti f’29 jew 30 ġurnata; għalhekk id-dehra tal-qamar hija importanti fit-teħid

tad-deċiżjoni dwar id-dati tal-festi. Is-sena Musulmana tibda minn dak il-jum li fih il-Qaddis Profeta tal-Iżlam emigra minn Mekka għal Medina, fis-sena 622wK. Dan l-avveniment jissejjaħ Ħiġra.

Biex wieħed jikkonverti minn kalendarju għal ieħor, tintuża l-formula li ġejja:

$$G = Ħ - \frac{3 \times Ħ}{100} + 622$$

$$Ħ = G + \frac{G - 622}{32} - 622$$

fejn G = is-sena Gregorjana (wK)
u Ħ = is-sena tal-Ħiġra (wĦ)
Għalhekk 1983wK tiġi 1403wĦ.

---

Fil-fatt l-Iżlam juża kemm is-sistema lunari kif ukoll is-sistema solari biex jikkalkula ż-żmien. Meta ssir il-qima f'ħinijiet differenti tal-ġurnata tintuża s-sistema solari ta' kif jitqies iż-żmien bħal meta jsiru l-ħames Talbiet ta' kuljum jew fil-bidu u t-tmiem tas-sawm, u meta l-qima trid tintemm f'xahar partikolari jew f'parti minnu, tintuża s-sistema lunari, bħal meta jiġi determinat ix-xahar tas-sawm, jew meta jitfassal iż-żmien tal-perjodu tal-Ħaġġ jew festi oħra.

L-ismijiet tax-xhur tal-kalendarju Musulman huma dawn:

1. Muħarram
2. Safar
3. Rabi-ul-Awwal
4. Rabi-us-Sani
5. Ġamadi-ul-Awwal
6. Ġamadi-us-Sani
7. Raġab
8. Xaaban
9. Ramażan
10. Xawwal
11. Żul-Kadah
12. Żul-Ħiġġah

Minn dawn, l-ewwel, is-seba' u l-aħħar tnejn huma meqjusa bħala xhur sagri u l-ġlied matul dawn ix-xhur hu kkunsidrat bħala dnub.

Il-Koran Imqaddes jiddikjara:

> "In-numru ta' xhur ma' Alla kienu tnax bl-ordni Tiegħu minn mindu Huwa ħalaq is-smewwiet u l-art. Minn dawn erbgħa huma meqjusa sagri." (9:36)

# Il-Festi Musulmani

Illum il-ġurnata l-festi u ċ-ċerimonji saru parti integrali mill-ħajja umana kważi f'kull soċjetà. Ħafna drabi l-oriġini tagħhom tinsab f'ritwali soċjali qodma, użanzi reliġjużi jew anniversarji ta' xi avvenimenti memorabbli. Għall-Musulmani l-festivals reliġjużi kollha għandhom is-sinifikat speċjali tagħhom. Fil-fatt, fi tmiem ta' modi diversi ta' qima, l-Iżlam stabbilixxa xi tip ta' ċelebrazzjoni. Iċ-ċerimonja wara t-Talbiet ta' kuljum hija t-Talba tal-Ġimgħa msejħa t-Talba tal-Ġuma, dik li tiġi wara x-xahar tas-sawm tissejjaħ Eid-ul-Fitr, filwaqt li l-festa li ssegwi ċ-ċerimonja tal-Ħaġġ fil-Kaaba fl-Arabja tissejjaħ Eid-ul-Ażħa.

Dawn il-festi mhumiex biss mumenti ta' ferħ u hena. Huma wkoll għamla ta' qima fihom infushom, għaliex l-Iżlam laqqam it-tifkira ta' Alla ma' kull attività ta' Musulman. L-Iżlam assoċja kull azzjoni tal-fidil mat-tifkira ta' Alla b'tali mod li anki attivitajiet normali tal-ħajja bħal meta toqgħod bilqiegħda, toqgħod bilwieqfa, timxi, torqod, tilbes iż-żraben jew il-ħwejjeġ, toħroġ mid-dar jew tidħol fiha, issiefer u terġa' lura, tbigħ jew tixtri xi ħaġa, tiekol, tixrob, taħsel, tinħasel, tidħol f'moskea u terġa' toħroġ, tiltaqa' ma' ħabib jew taffaċċja xi għadu, tilmaħ il-qamar il-ġdid, tibda xi biċċa xogħol jew tispiċċaha, saħansitra tagħtas, tittewweb, jew tieħu l-mediċina, huma marbuta sewwa mat-tifkira Tiegħu.

Mhux ta' b'xejn li l-pagani ta' Mekka ddeskrivew lill-

Qaddis Profeta bħala wieħed li ġġennen wara Alla. Persuna li ma temminx tqis dawn l-affarijiet bħala ġenn totali, iżda l-persuna li għarfet ir-realtà tal-ħajja taf li l-għan ewlieni tal-ħajja jinsab fid-devozzjoni lejn u fit-tifkira ta' Alla s-Setgħani. Għalhekk, għall-Musulman, jum ta' festa mhuwiex biss jum ta' xalar u tbaħrid, iżda huwa wkoll jum fejn isir it-tifħir lil Alla, it-tifkir tal-attributi Tiegħu u r-ringrazzjamenti għall-barkiet u l-għotjiet bla għadd Tiegħu.

L-Iżlam huwa reliġjon ta' moderazzjoni, għalhekk mhu permissibbli qatt għas-segwaċi tiegħu li jintilfu fit-tberbiq. Ma jippermettix lanqas li s-segwaċi jmorru fl-estremitajiet fejn jersqu lejn ix-xifer tal-ġenn la bil-ferħ u lanqas bin-niket u l-għali. Jgħallimhom biex jieklu dak li jipprovdi Alla iżda wkoll li jkunu moderati. Il-Koran Imqaddes jiddikjara:

> 'Ja bnedmin, kulu minn dak li hu leġittimu u li hu tajjeb għal saħħitkom f'din id-dinja; u ssegwux il-passi tax-xitan; tassew li huwa l-għadu konfermat tagħkom.' (2:169)

L-Iżlam iwiddeb lis-segwaċi tiegħu biex ma jiklux ħafna u jimlew l-istonku kollu. Il-Qaddis Profeta tal-Iżlam innota: 'Imlew l-istonku tagħkom terz bl-ilma u terz bl-ikel ħalli tħallu l-bqija vojt għall-arja.' Il-Qaddis Profeta għallem ukoll lis-segwaċi tiegħu biex ma jixorbux l-ilma jew xorb ieħor f'belgħa waħda, anzi għandu jiġi kkunsmat bil-mod u gradwalment, u li jkun hemm pawsa almenu tliet darbiet.

L-Iżlam iħeġġeġ ukoll lis-segwaċi tiegħu biex jaqsmu l-ferħ tagħhom ma' oħrajn, speċjalment ma' dawk fil-bżonn u l-foqra.

Il-Koran Imqaddes jiddikjara:

> 'Dawk li huma verament qalbhom tajba jitimgħu lill-fqir, lill-iltim u lill-ilsir għall-imħabba ta' Alla, u jassigurawkom: Aħna nagħtukom l-ikel biex nogħġbu 'l Alla biss. Ma nixtiequ l-ebda premju jew grazzi mingħandkom.' (76:9-10)

> 'La huma berbieqa u lanqas xħaħ, iżda jżommu bilanċ bejn it-tnejn.' (25:68)

> 'Fl-għana tagħhom dawk li jsaqsu u dawk li ma jistgħux isaqsu (eżempju: l-annimali) għandhom dritt.' (51:20)

Dwar il-konsum tal-ikel, il-Musulmani huma mitluba biex ma jaħlux. Il-Koran Imqaddes isostni:

> 'Ulied Adam, qiegħdu moħħkom u ġisimkom fi stat safi f'kull ħin u post tal-qima u kulu u ixorbu iżda tkunux ħalja; tassew, Huwa ma jaċċettax il-ħalja.' (7:32)

# Il-Ġimgħa, Jum Sagru għall-Musulmani

## L-importanza tat-Talba tal-Ġimgħa

Mill-obbligazzjonijiet reliġjużi kollha ta' Musulman, l-aktar importanti hija t-Talba msejħa *Salat*. Hija obbligatorja għall-Musulmani kollha, kemm irġiel kif ukoll nisa. Il-Koran Imqaddes jgħid:

> Osservaw it-Talb skont kif inhu ordnat lilkom. Il-fidili għandhom jgħiduh fil-ħinijiet stipulat tiegħu. (4:104)

Hemm ħames Talbiet kuljum:

Faġr – tingħad qabel tlugħ ix-xemx;

Żoħr – tingħad f'nofsinhar meta x-xemx tibda nieżla;

Asr – tingħad waranofsinhar;

Magrib – tingħad eżatt wara nżul ix-xemx;

Isha – tingħad filgħaxija.

Barra dawn it-Talbiet obbligatorji, hemm talb ieħor, pereżempju t-Talba li tingħad tard filgħaxija tul ir-

Ramażan li tissejjaħ *Taraveeh* u dik ta' kmieni filgħodu li tissejjaħ *Taħaġġud*.

It-Talb obbligatorju kollu, jekk hu possibbli, għandu jingħad fil-kongregazzjoni. Madankollu, il-Ġimgħa, isir Servizz ta' Talb speċjali f'nofsinhar minflok it-Talba ta' Żoħr. Dan it-talb jissejjaħ it-Talba tal-Ġuma. Mit-Talb kollu msemmi s'issa, m'hemm l-ebda waħda daqshekk importanti li tingħad f'komunità daqs it-Talba tal-Ġuma. Il-Ġuma, fil-fatt, hija l-akbar festa Musulmana.

Il-Musulmani huma mitluba biex iwaqqfu l-attivitajiet kollha tagħhom meta jissejħu għat-Talba tal-Ġimgħa, u jinġabru fil-moskej biex joffru din it-talba b'osservazzjoni sħiħa tal-kundizzjonijiet kollha tagħha. Il-Koran Imqaddes jgħid:

> Intom li temmnu, meta ssir is-sejħa għat-Talb il-Ġimgħa, għaġġlu biex tfakkru lil Alla u ħallu xogħolkom warajkom. Dak ikun aħjar għalikom, li kieku kontu tafu. (62:10)

Il-Qaddis Profeta qal:

> 'L-aqwa jum tagħkom huwa l-Ġimgħa, għaliex dakinhar tridu tħabirku biex titolbu għall-barkiet fuqi, għaliex imbagħad il-barkiet tagħkom jitwasslu għandi.' (Sunan Abu Daud)

F’okkażjoni oħra stqarr:

> ‘L-aqwa jum li fih titla’ x-xemx huwa l-Ġimgħa; f’dak il-jum inħalaq Adam, f’dak il-jum tħalla jidħol fil-Ġnien u f’dak il-jum tkeċċa minnu.’ (Saħiħ Muslim)

Huwa minħabba din l-importanza tat-Talba tal-Ġimgħa li fil-pajjiżi Musulmani l-maġġoranza tal-uffiċċji u l-azjendi kummerċjali jibqgħu magħluqa f’dak il-jum ħalli n-nies ikunu jistgħu jattendu s-Servizz tat-Talb.

## It-tħejjija għas-Servizz tat-Talb

Il-Qaddis Profeta tal-Iżlam huwa rrappurtat li qal:

> ‘Musulman jieħu banju l-Ġimgħa, jagħmel lilu nnifsu nadif tazza u juża xi żjut imfewħa jew almenu xi ftit fwieħa. Wara li jkun hekk iffriska, imur il-moskea. Isib post mingħajr ma jdejjaq in-nies li jinsabu fuq il-lemin u fuq ix-xellug tiegħu. Joffri t-talb formali, u meta jasal l-Imam, jisimgħu fil-kwiet. Jalla Alla jaħfirlu dawk id-dnubiet li jkun wettaq bejn dak il-jum tal-Ġimgħa u dak tal-ġimgħa ta’ qabel.’ (Saħiħ Bukhari)

Il-Musulmani għalhekk jagħtu ħafna kas it-Talba tal-Ġuma. Jinħaslu, jilbsu ħwejjeġ nodfa, jużaw il-fwieħa u jmorru l-moskea hekk kif jisimgħu l-ewwel ħoss tas-Sejħa għat-Talb (Ażan).

# L-Ażan

Il-persuna li tagħmel is-Sejħa tkanta b'leħen sod u melodjuż, bit-tir li twassal il-kliem tas-Sejħa 'l bogħod kemm jista' jkun. L-Ażan huwa:

*Allaħu Akbar, Allaħu Akbar*
*Allaħu Akbar, Allaħu Akbar*

*Ax ħadu an la ilaħa illallah*
*Ax ħadu an la ilaħa illallah*

*Ax ħadu anna Muħammadar rasulullah*
*Ax ħadu anna Muħammadar rasulullah*

*Ħajja alas-Salaħ*
*Ħajja alas-Salaħ*

*Ħajja alal-Falaħ*
*Ħajja alal-Falaħ*

*Allaħu Akbar*
*Allaħu Akbar*

*La ilaħa illallah.*

# It-traduzzjoni tal-Ażan hija:

Alla huwa l-Akbar, Alla huwa l-Akbar
Alla huwa l-Akbar, Alla huwa l-Akbar

M'hemm ħadd li jistħoqqlu l-qima ħlief Alla
M'hemm ħadd li jistħoqqlu l-qima ħlief Alla

Jiena nixhed li Muħammad huwa l-messaġġier ta' Alla
Jiena nixhed li Muħammad huwa l-messaġġier ta' Alla

Ejjew għat-talb
Ejjew għat-talb

Ersqu lejn is-suċċess
Ersqu lejn is-suċċess

Alla huwa l-Akbar
Alla huwa l-Akbar

M'hemm ħadd li jistħoqqlu l-qima ħlief Alla.

Is-Servizz tat-Talb tal-Ġimgħa jgħaqqad flimkien, fiż-żoni rurali, in-nies minn diversi rħula maġenb xulxin, fil-bliet, l-abitanti kollha tal-belt, u f'partijiet minn bliet kbar, sezzjoni mill-popolazzjoni tal-belt. Meta jaslu l-moskea, il-fidili jkomplu jsaffu lilhom infushom billi jwettqu l-Wużu (abluzzjoni) li tkun teħtieġ:

a) il-ħasil tal-idejn sal-polz għal tliet darbiet, l-ewwel l-id tal-lemin u mbagħad dik tax-xellug;

b) il-ħasil tal-ħalq bi tlaħliħ tal-ilma għal tliet darbiet;

ċ) il-ħasil sewwa tat-toqob tal-imnieħer;

d) il-ħasil tal-wiċċ għal tliet darbiet;

e) il-ħasil tad-dirgħajn sal-imniekeb għal tliet darbiet, l-ewwel id-driegħ tal-lemin u mbagħad dak tax-xellug;

f) it-tixrib tal-idejn u l-mess tagħhom fuq ir-ras minn quddiem għal wara sal-għonq, imbagħad it-tidwir tal-bhiem madwar il-widnejn u l-imsiħ tagħhom minn ġewwa;

ġ) il-ħasil tas-saqajn inkluż l-għekiesi u s-swaba' tas-sieq għal tliet darbiet, l-ewwel is-sieq tal-lemin u mbagħad dik tax-xellug.

Issa li huma lesti għas-servizz tat-Talb, il-fidili jinġemgħu fil-moskea. Hekk kif jidħlu, ineħħu ż-żraben tagħhom. Dan minħabba l-fatt li t-Talb tal-Musulmani jinvolvi l-prostrazzjoni, u t-twapet li fuqhom jitqiegħed il-ġbin iridu jkunu assolutament indaf. In-nisa jistgħu jieħdu sehem fit-Talb u joqogħdu f'sezzjoni provduta għalihom, separata mill-irġiel. Il-moskea hija binja

sempliċi. Il-ħitan tagħha huma ħafna drabi għerja, iżda xi moskej huma mżejna b'kitba ta' versi Koraniċi. M'hemmx statwi, pitturi, lapidi ta' tifkira jew relikwji tal-qaddisin. Is-servizzi huma nieqsa minn kull distrazzjoni artistika u emozzjonali. M'hemmx mużika jew kant u lanqas xegħil ta' xemgħat. M'hemm l-ebda post riżervat. Ir-re jista' jsib ħaddiem bilwieqfa ħdejh u mħallef jista' jsib akkużat bilqiegħda ħdejh. Ħadd m'għandu dritt joġġezzjona għal min ikun maġenbu. M'hemm assolutament l-ebda distinzjoni ta' pożizzjoni, rikkezzi, kariga, lewn tal-ġilda, razza jew nazzjonalità fid-Dar ta' Alla. Kulħadd huwa ugwali u kulħadd inġabar bl-għan ewlieni ta' qima Divina.

Fis-Sala tat-Talb il-fidili jinvolvu lilhom infushom f'Talb individwali li hu magħmul minn erba' Rakas. RAKA tinkludi pożizzjoni wieqfa li tissejjaħ QIJAM, pożizzjoni ta' timjil li tissejjaħ RUKU u żewġ prostrazzjonijiet li jissejħu SAĠDAH. Wara żewġ Rakas il-fidil joqgħod bilqiegħda f'pożizzjoni li tissejjaħ QUADAH, imbagħad jerġa' jqum bilwieqfa u għal darb'oħra jerġa' jwettaq żewġ Rakas oħra biex b'kollox jagħmilhom erbgħa. Kull pożizzjoni fit-talb teħtieġ li jingħadu fis-silenzju l-frażijiet preskritti bl-Għarbi. Wara li jlestu mit-talba individwali, joqogħdu bilqiegħda bil-kwiet f'ringieli fid-direzzjoni tal-MIĦRAB (jiġifieri fid-direzzjoni tal-Kaaba) u jokkupaw irwieħhom fis-silenzju fit-tifħir u l-glorifikazzjoni ta' Alla, u fit-talb biex jintefgħu barkiet Divini fuq il-Qaddis Profeta Muħammad.

# Is-Servizz tat-Talb

Eżattament wara l-bidu tas-servizz il-Muważżin jerġa' jlissen l-Ażan mill-ġdid, imbagħad l-Imam (il-persuna li tmexxi s-servizz tat-Talb) jitla' fuq il-MINBAR (il-pulptu) u jagħmel l-indirizz tiegħu. Dan id-diskors ġeneralment ikun iffukat fuq il-benesseri morali, spiritwali, soċjali u ekonomiku tas-soċjetà. Jista' jinkludi wkoll xi problemi attwali li tkun qed taffaċċja l-komunità jew ħwejjeġ oħra ta' interess komuni. Id-diskors jikkonsisti f'żewġ partijiet b'intervall qasir bejniethom, li fih l-Imam joqgħod bilqiegħda għal ftit minuti u wara jkompli bit-tieni parti. L-ewwel parti, barra Sura Fatiħa, l-ewwel kapitlu tal-Koran Imqaddes, tista' ssir b'diversi ilsna, iżda t-tieni parti tad-diskors trid issir bl-Għarbi. Is-silta li ġejja hija t-traduzzjoni tagħha:

> 'Kull tifħir imur għal Alla, aħna nfaħħru, infittxu l-għajnuna u nitolbu l-protezzjoni Tiegħu. Aħna niftħu qalbna Miegħu, nafdaw Lilu biss, u nfittxu l-protezzjoni mill-ħażen u l-imqarbezza ta' rwieħna u mill-konsegwenzi ħżiena tal-għemejjel tagħna. Lil kull min jiddiriġih fit-triq it-tajba, ħadd ma jkun jista' jiddiriġih ħażin; u lil kull min jiddikjarah mitluf, ħadd ma jista' jiddiriġih għat-triq it-tajba. Aħna nagħtu xhieda li ħadd ma jistħoqqlu li jkun meqjum ħlief Alla. Huwa waħdu u m'għandu l-ebda sieħeb. Aħna nagħtu xhieda li Muħammad huwa l-Qaddej

u l-Messaġġier Tiegħu. Ja qaddejja ta' Alla, jalla Alla juri ħniena magħkom. Tassew li Alla jordnalkom biex taġixxu b'ġustizzja; biex twasslu l-benefiċċji lil xulxin u twettqu t-tajjeb mal-oħrajn bħalma wieħed jagħmel ma' qrabatu u li twarrbu l-ħażen minn qlubkom u l-ħażen li jaffettwa lil ħaddieħor, u li ma tiħdux sehem fi rvellijiet kontra l-awtorità leġittima. Huwa jwissikom biex ma tkunux distratti. Ftakru f'Alla, Huwa wkoll jiftakar fikom. Sejħulu u Huwa jwieġeb is-sejħa tagħkom. Bla dubju li t-tifkira divina hija l-ogħla virtù.'

Wara d-diskors, l-Imam jieħu postu fil-Miħrab (inniċċa) u jħares fid-direzzjoni tal-Kaaba, u l-fidili kollha joqogħdu warajh f'ringieli huma wkoll iħarsu lejn il-Kaaba. Ir-ringieli għandhom ikunu dritti, bil-fidili bilwieqfa ħdejn xulxin spalla ma' spalla. Kulħadd issa huwa lest għat-Talb. Il-Muważżin ilissen l-Ikamah, is-sejħa għall-bidu tat-talb.

# L-Ikamah (Iqamah)

Alla huwa l-Akbar, Alla huwa l-Akbar.
Jiena nixhed li m'hemm ħadd li jistħoqqlu
l-qima ħlief Alla.

Jiena nixhed li Muħammad huwa l-messaġġier
ta' Alla.
Ejjew għat-Talb.

Ejjew għas-Suċċess.

It-Talba se tibda.
It-Talba se tibda.

Alla huwa l-Akbar, Alla huwa l-Akbar.
M'hemm ħadd li jistħoqqlu l-qima ħlief Alla.

L-Imam imbagħad jibda t-Talba li tikkonsisti f'żewġ Rakas u kulħadd fil-miġemgħa jsegwih attentament f'kull pożizzjoni li jagħmel. L-Imam itemm it-Talba billi jdawwar wiċċu lejn il-lemin filwaqt li jlissen it-tislima:

'Assalamo Alajkum wa Raħmatullah.'

Li tfisser:
'Is-sliem u l-barka ta' Alla jkunu fuqkom.'

Imbagħad idawwar wiċċu lejn ix-xellug u jerġa' jtenni l-istess tislima.

It-Talba kollha tingħad bl-akbar umiltà u sottomissjoni. L-ebda konverżazzjoni ta' kull tip mhi permessa waqt id-diskors jew it-talb. Dan is-servizz komunitarju huwa mbagħad segwit minn żewġ Rakas oħra ta' Talb individwali. Wara l-fidili jitferrxu bl-ordni, u jiltaqgħu u jsellmu lil xulxin. Wara s-servizz huma liberi, jekk dejjem jixtiequ, li jkomplu bl-attivitajiet tagħhom. F'dan il-jum ħafna Musulmani tat-tajjeb jagħtu l-karità.

# Il-Festi tal-Eid

‘Eid’ hija kelma bl-Għarbi li tfisser ‘ġurnata li tirritorna ta’ spiss’. Hemm żewġ festi tal-Eid f’sena. L-ewwel waħda tissejjaħ Eid-ul-Fitr u t-tieni li tiġi xi għaxar ġimgħat wara tissejjaħ Eid-ul-Ażħa.

# Eid-ul-Fitr

Din il-festa tiġi ċċelebrata fi tmiem ix-xahar tas-sawm, għalhekk tissejjaħ ukoll il-festa tal-waqfien mis-sawm. Is-sawm fix-xahar ta’ Ramażan huwa wieħed mill-ħames kolonni tal-Iżlam. Huwa, għalhekk, attribut prattiku tal-fidi u jitqies bħala att ta’ devozzjoni.

## Ir-Regolamenti tas-Sawm

Il-Koran Imqaddes iwassal il-kmandament b’dan il-kliem:

> Intom li temmnu, is-sawm huwa obbligatorju għalikom bħalma kien obbligatorju għal ta’ qabilkom, ħalli tkunu tistgħu tipproteġu ruħkom mill-ħażen. (2:184)

Kull persuna li tosserva s-sawm għandha tiċċaħħad mill-ikel, mix-xorb u saħansitra mit-tipjip mill-ewwel merżuq tas-sebħ sa nżul ix-xemx, kuljum tul ix-xahar ta’ Ramażan. Is-sawm huwa obbligatorju għal kull

Musulman adult b'saħħtu, raġel u mara, madankollu hemm xi eżenzjonijiet. Xi ħadd marid, xi ħadd li qed jivvjaġġa, mara tqila jew li qed tredda' t-tarbija tagħha, xi ħadd li ma jiflaħx għall-kundizzjonijiet iebsa tas-sawm minħabba l-età jew xi mard ieħor, dawn kollha huma eżentati milli josservaw is-sawm. Meta r-raġuni għall-eżenzjoni tkun biss temporanja, bħal pereżempju, marda li minnha l-persuna tfiq, in-numru ta' ġranet ta' sawm li jkunu ntilfu jridu jitpattew f'xi żmien wara l-fejqan. Jekk il-kawża tal-eżenzjoni ttul għal ħafna żmien jew issir permanenti bħal fil-każ ta' xjuħija jew mard kroniku, l-eżenzjoni ssir assoluta, iżda l-persuna konċernata, jekk dejjem tkun tista', għandha tagħmel arranġamenti biex tipprovdi l-ikel lil xi ħadd fqir tul ix-xahar ta' Ramażan, jew toffri ammont ekwivalenti lill-karità, ġest li jissejjaħ FIDJA.

Minħabba li l-kalendarju Musulman huwa wieħed lunari, id-29/30 ġurnata tar-Ramażan jiġu ħdax-il ġurnata 'l quddiem kull sena, u għaldaqstant, tul perjodu ta' snin, dan jiġi fi staġuni differenti, għall-kuntrarju taż-żmien ta' sawm reliġjuż osservat mill-Insara li jissejjaħ Randan li dejjem jiġi fir-rebbiegħa.

## L-Għan tas-Sawm

Is-sawm huwa meqjus bħala dixxiplina fiżika, morali u spiritwali bl-għan li tippromwovi t-tjubija.

Il-prattika tal-Qaddis Profeta tixhed li r-Ramażan huwa

partikolarment ix-xahar ta' qima Divina. Għalhekk l-astinenza mill-ikel f'dawn il-ġranet għandha sservi bħala tarġa biex wieħed jikkonċentra aktar fuq l-adorazzjoni ta' Alla.

Barra minn hekk, is-sawm iqiegħed lil kulħadd, kemm l-għonja kif ukoll il-fqar, fuq l-istess livell. L-għonja jesperjenzaw it-tbatija tal-ġuħ u l-għatx bl-istess mod ta' ħuthom irġiel u nisa anqas ixxurtjati minnhom u b'hekk il-ġuħ u ċ-ċaħda ma jibqgħux biss espressjonijiet iżda jsiru esperjenza mġarrba minn kulħadd. B'riżultat ta' dan huma jkunu jistgħu jifhmu aħjar il-bżonnijiet tal-fqar.

Is-sawm huwa wkoll meqjus minn ħafna esperti mediċi bħala mezz eċċellenti biex titfejjaq l-obeżità u problemi oħra relatati ma' piż żejjed.

Huwa maħsub ukoll li s-sawm ikattar ir-rieda tal-bniedem, u jrażżan ix-xewqat tal-ġisem u pjaċiri oħra magħmula bi drawwa.

## It-tħejjijiet għall-Eid

Fi tmiem ix-xahar tas-sawm, meta jintlemaħ il-qamar il-ġdid, emozzjoni ta' hena tiġri fi qlub il-Musulmani kollha, żgħar u kbar, bi stennija għal waħda mill-aktar festi tal-Eid ferrieħa. Tul il-lejl isiru l-arranġamenti meħtieġa. Il-ħwienet jibqgħu miftuħa sa tard billejl għall-konsumaturi. Fil-pajjiżi Musulmani t-toroq

ewlenin tal-bliet u l-bini pubbliku jkunu mdawla sew għal billejl u mżejna bi bnadar ikkuluriti. Kmieni filgħodu, fil-jum tal-Eid, wara li kulħadd jieħu banju, kulħadd jilbes l-aħjar ilbies tiegħu. It-tfal, b'mod speċjali, iżanżnu ħwejjeġ ġodda. Kemm l-irġiel kif ukoll in-nisa jagħmlu l-fwieħa bħalma kienet użanza tal-Qaddis Profeta li jagħmel il-fwieħa f'okkażjonijiet bħal dawn. Il-brekfast ħafna drabi jinkludi platt ħelu msejjaħ Sheer Khurma – vermiċelli msajra fil-ħalib bit-tamal niexef, żbib, lewż, u ġewż ieħor. Kulħadd issa jkun anzjuż biex jimxi lejn l-Eidgah, li s-soltu jkun spazju miftuħ jew ġnien pubbliku riservat għas-servizz tal-Eid.

Minħabba l-preżenza ta' għadd enormi ta' Musulmani, is-servizz tal-Eid isir fi swali kbar, fil-moskea ċentrali tal-belt jew fil-miftuħ, fejn jitwaqqfu tined kbar bl-għan li jipprovdu l-ilqugħ mit-temp. In-nisa huma mħeġġa bil-qawwa biex jattendu dawn il-laqgħat tal-Eid, għalhekk ikun hemm żona apposta riservata għalihom. Dan għaliex l-Iżlam ma jippermettix it-taħlit liberu bejn l-irġiel u n-nisa.

Kif kienet id-drawwa tal-Qaddis Profeta tal-Iżlam, il-fidili jmorru lejn l-Eidgah minn triq partikolari u jitilqu minn oħra differenti.

# Is-Servizz tat-Talb u ċ-Ċelebrazzjonijiet

It-talb tal-Eid jikkonsisti f'żewġ Rakas. Il-ħin tat-talb ikun imħabbar ħafna ġranet qabel il-jum tal-Eid. Ikun qabel nofsinhar u ħafna drabi jkun komdu għall-miġemgħa, miftiehem wara konsultazzjoni man-nies. Bħat-Talba tal-Ġimgħa, it-Talba tal-Eid dejjem issir fil-komunità. F'dan is-servizz ma jkunx hemm Ażan jew Ikamah. Fil-ħin stipulat, il-fidili joqogħdu f'ringieli bl-Imam quddiem, kollha jħarsu lejn il-Kaaba. Is-servizz jibda billi l-Imam jgħid b'leħen għoli Allah-o-Akbar (Alla huwa l-Akbar). Din id-dikjarazzjoni tissejjaħ Takbir. It-Talba hija magħmula bl-istess mod tat-Talba tal-Ġimgħa iżda fiha hemm għadd akbar ta' Takbirs. Dawn it-Takbirs jiġu mlissna b'leħen għoli mill-Imam waħda wara l-oħra. Wara s-seba' Takbir fl-ewwel Raka u l-ħames Takbir fit-tieni Raka, l-Imam jibqa' sejjer bit-Talb bħas-soltu u l-fidili jsegwuh f'kull moviment. Meta jispiċċa t-talb, l-Imam jagħmel id-diskors tiegħu, li ġeneralment ikun dwar l-isfond storiku u s-sinifikat spiritwali tal-festa, iżda dan jista' jinkludi fih xi suġġetti oħra ta' importanza għall-Musulmani. Wara s-servizz il-fidili jsellmu lil xulxin billi jgħidu 'Eid Mubarak' u jħaddnu lil xulxin. Kull animożità u sentimenti negattivi għall-proxxmu għandhom jintesew. L-ispirtu tal-Eid huwa wieħed ta' sliem, maħfra, u fraternità. Wara li jħossuhom kuntenti u ferħanin huma jmorru lura d-dar. Platti speċjali huma mbagħad imħejjija għal din l-okkażjoni festiva. Il-ħbieb u l-qraba huma ħafna drabi mistiedna. Rigali u tislimiet huma mqassma tul il-jum. Illum saret ukoll użanza fid-dinja Musulmana

li wieħed jibgħat il-kartolini tal-Eid, għalkemm ħafna nies jippreferu li jagħtu għotjiet lill-fqar u lil min hu fil-bżonn. It-tfal jistennew b'ħerqa din il-ġurnata għax jirċievu r-rigali u l-flus imsejħa 'Eidi' mingħand il-qraba u l-anzjani. Li titma' l-fqar, li tgħin lil min hu fil-bżonn u li żżur il-morda kollha jitqiesu bħala azzjonijiet ta' min ifaħħarhom f'dawn l-okkażjonijiet.

## Sadakat-ul-Fitr jew Fitrana

F'okkażjoni risqana u festiva bħal din, il-Musulmani humapjuttostimfakkradwarl-obbligazzjonijiettagħhom lejn is-sezzjoni aktar fqira tas-soċjetà. Kontribuzzjoni speċjali msejħa 'Sadakat-ul-Fitr' jew 'Fitrana' tinġabar għal dan il-għan. Il-kontribuzzjoni titħallas mill-kap tal-familja għan-nom tal-membri kollha tal-familja. Huwa rrakkomandat li din il-kontribuzzjoni ssir qabel is-servizz tal-Eid ħalli tippermetti lill-fqar jingħaqdu fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-ġurnata.

## Il-ħsieb wara l-festa

Kull ordni jew direzzjoni mogħtija mill-Iżlam hija msejsa fuq l-għerf u għalhekk ikollha ħsieb warajha. Fis-servizzi tat-Talb li jsiru fil-moskea ta' kuljum, ir-residenti ta' akkwata jinġabru flimkien ħames darbiet kuljum u b'hekk isiru jafu lil xulxin, l-għaqda ta' bejniethom tissaħħaħ u jsiru midħla tal-bżonnijiet u l-ħtiġijiet ta' xulxin. Fis-servizz tat-Talb tal-Ġimgħa dan iċ-ċirku fratern ta' simpatija, imħabba u kooperazzjoni

jestendi b'tali mod li jinkludi lir-residenti kollha ta' raħal sħiħ jew żona ta' belt. Fl-okkażjonijiet tal-Eid dan iċ-ċirku mbagħad ikompli jikber.

Barra minn hekk, huwa mnaqqax fl-imħuħ tal-fidili vera li d-dixxiplina spiritwali li eżerċitaw tul ix-xahar ta' Ramażan għandha titkompla tul is-sena kollha.

Waqt li l-Eid hija okkażjoni ta' ferħ u hena, żgur li mhix okkażjoni fejn wieħed jintilef fil-frugħa, fl-ikel żejjed u fl-insegwiment ta' pjaċir biss. L-għan ewlieni huwa dejjem li wieħed ifittex is-sodisfazzjon ta' Alla s-Setgħani billi jfaħħar u jirringrazzja 'l Alla talli jkun kapaċi jwettaq b'korrettezza d-dmirijiet tiegħu.

# Eid-ul Ażħa

Festa oħra importanti ħafna li tiġi xi għaxar ġimgħat wara Eid-ul-Fitr tissejjaħ Eid-ul-Ażħa. Hija magħrufa wkoll bħala 'Il-festa tas-sagrifiċċju', u hija ċċelebrata fl-għaxar jum ta' Żul-Ħiġġah, l-aħħar xahar tal-kalendarju Musulman; il-jum li jimmarka t-tmiem taċ-ċerimonja tal-Ħaġġ jew il-Pellegrinaġġ lejn il-Kaaba.

## Iċ-ċerimonja tal-Ħaġġ

Il-Ħaġġ huwa wieħed mill-ħames kolonni tal-Iżlam. Matul dan l-istaġun il-pellegrini minn madwar id-dinja kollha jinġemgħu f'Mekka fl-Arabja u l-aqwa

eżempju ta' fraternità ġenwina hija murija lid-dinja, li hija pjuttost mifnija minn kunflitti politiċi, ekonomiċi, reliġjużi, u kulturali. Il-Ħaġġ isir bejn it-8 u t-13 ta' Żul-Ħiġġah. Ir-ritwali essenzjali assoċjati ma' din iċ-ċerimonja huma dawn li ġejjin:

i) **L-ilbis tal-Iħram:** Pellegrin raġel irid iwarrab il-ħwejjeġ soliti tiegħu u jilbes żewġ biċċiet drapp bojod mhux meħjuta. Biċċa waħda titgeżwer madwar il-qadd u tgħatti l-parti t'isfel taż-żaqq, filwaqt li l-biċċa l-oħra tintlibes fuq l-ispalla tax-xellug b'tali mod li l-ispalla tal-lemin u r-ras jibqgħu mikxufin. In-nisa jistgħu jilbsu lbies sempliċi u m'għandhomx jgħattu wiċċhom.

ii) **It-tidwir għal seba' darbiet mal-Kaaba:** Il-pellegrini jidħlu ġol-Moskea l-Kbira u jduru madwar il-bini tal-Kaaba għal seba' darbiet kontra l-arloġġ, waqt li jlissnu l-istess frażijiet li l-Profeta Abraham, il-paċi tkun fuqu, lissen erbat elef sena ilu, li huma dawn:

> Ninsab hawn, Mulejja, ninsab hawn,
> Ninsab hawn. M'hemm ħadd Ħliefek.
> Kull Foħrija u Rigali huma Għalik.
> Tiegħek hija s-saltna.
> M'hemm ħadd Ħliefek.

Il-Kaaba, skont il-Koran Imqaddes, hija l-ewwel Dar ta' Qima li twaqqfet fid-dinja. Hija struttura sempliċi ħafna tal-ġebel, bla pretensjoni ta' kobor fid-daqs jew

ġmiel tal-arkitettura. Timpressjona biss bis-sempliċità tagħha.

iii) **It-Twettiq ta' Saee:** Il-pellegrini jimxu b'mod ħafif għal seba' darbiet bejn Safa u Marwah, żewġ għoljiet żgħar viċin il-Kaaba, biex ifakkru mill-ġdid il-ġrajja ta' Ħagar, mart il-Profeta Abraham, li marret tfittex l-ilma għal binha ċkejken Ishmael.

iv) **Il-vjaġġ lejn Mina, Arafat u Mużdalifa:** Fit-tmien jum ta' Żul-Ħiġġah il-pellegrini jitilqu minn Mekka għal Mina u jqattgħu l-lejl hemm jitolbu u jimmeditaw. L-għada wara t-Talba ta' Faġr jerħulha lejn il-pjanura ta' Arafat fejn jikkampjaw. Huma jaslu hemm waranofsinhar, joffru t-Talb ta' Żoħr u Asr flimkien u jibqgħu medhijin fit-talb 'l Alla sa nżul ix-xemx. Li wieħed jibqa' f'Arafat minn waranofsinhar sa nżul ix-xemx jitqies bħala ritwal importanti tal-Ħaġġ. Kull pellegrin li jasal f'Arafat qabel inżul ix-xemx fid-disa' jum ta' Żul-Ħiġġah ikun meqjus li pparteċipa fil-Ħaġġ ta' dik is-sena.

Minn Arafat jerħulha lejn Mużdalifa fejn jikkombinaw it-Talbiet ta' Magrib u Isha u l-lejl iqattgħuh ifaħħru 'l Alla s-Setgħani u fil-meditazzjoni. L-għada filgħodu, wara t-Talba ta' Faġr, eżatt qabel tlugħ ix-xemx, jivvjaġġaw lura lejn Mina.

v) **It-Twettiq ta' Rami:** Fl-għaxar jum ta' Żul-Ħiġġah il-pellegrini jitfgħu seba' ċagħkiet lejn Ġumrat-ul-

Akba, waħda mit-tliet kolonni li jirrappreżentaw lix-xitan. Dan l-għemil jissejjaħ Rami. Dawn il-kolonni huma mwaqqfa fil-post fejn Abraham kien ittantat mix-xitan biex joffri lil Ishmael bħala sagrifiċċju għat-twettiq tal-ħolma tiegħu. Rami jista' jiġi ripetut fil-ħdax, it-tnax u t-tlettax-il jum ta' Żul-Ħiġġah fuq kull waħda mit-tliet kolonni li jissejħu Ġumrat-ul-Oola, Ġumrat-ul-Wasta u Ġumrat-ul-Akba.

vi) **L-offerta tas-sagrifiċċju ta' annimal:** Fl-għaxar jum ta' Żul-Ħiġġah il-pellegrini li jaffordjaw joffru annimal bħala sagrifiċċju: mogħża, nagħġa, baqra jew ġemel, f'Mina.

vii) Wara s-sagrifiċċju l-pellegrini jqaxxru xagħarhom jew jaqtgħuh qasir.

## Sfond storiku

Abraham huwa meqjus bħala ħabib ta' Alla u għadd kbir ta' profeti ħarġu mill-wild tiegħu. Huwa magħruf ukoll bħala missier (il-Patrijarka) il-profeti. Biex wieħed jifhem is-sinifikat tas-sagrifiċċju tiegħu, wieħed irid jifli d-dettalji tal-avvenimenti li huma msemmija fil-Bibbja u fil-Koran. Huwa rrakkuntat li Abraham ra f'viżjoni lilu nnifsu qed jissagrifika lill-iben waħdieni tiegħu Ishmael. Meta kkonvinċa ruħu li Alla xtaq li huwa jissagrifika l-uniku tifel li kellu li ngħata lilu fi xjuħitu, fi pjan tal-Mulej, huwa ħassu ppreparat biex iwettaq is-sagrifiċċju. Huwa semma l-ħolma ma' ibnu

Ishmael u qallu, ‘X’taħseb dwarha?’ Ishmael wieġeb: ‘Missier, agħmel dak li ordnalek biex tagħmel. Lili se ssibni, jekk Alla jrid, konvint bl-istess fehma.’

Għalhekk Abraham għamel it-tħejjijiet meħtieġa. Meta kollox kien lest u hu kien wasal biex iwettaq dak li ħaseb li kien ordnat biex jagħmel, huwa rċieva r-rivelazzjoni li huwa tassew onora l-parti tiegħu tal-ftehim u minflok ġie ordnat biex joqtol ħaruf. It-tifsira vera tal-ħolma ma kinitx li huwa kellu jissagrifika lil ibnu bl-istess mod kif ra lilu nnifsu jagħmel fil-ħolma, iżda li kellu jħalli lil martu Ħagar u lil ibnu Ishmael f’wied mhux għammiel fil-bogħod biex jikseb il-grazzja ta’ Alla s-Setgħani. Hemmhekk, Ishmael intuża bħala strument bl-għan li tiġi stabbilita l-qima ġenwina lejn Alla, u dan kien il-post fejn kienet tinsab l-ewwel Dar ta’ Alla, il-Kaaba sagra, għalkemm dak iż-żmien kienet fi stat ta’ qerda. Dan is-sagrifiċċju kbir magħmul minn Abraham huwa l-avveniment li jiġi ċċelebrat kull sena madwar id-dinja kollha, u dawk il-Musulmani li għandhom biex, joqtlu annimal biex ifakkru dak l-att ta’ devozzjoni.

Għaldaqstant il-festa tas-sagrifiċċji tħeġġeġ lill-Musulmani kollha biex isegwu l-eżempji ta’ Abraham, Ħagar u Ishmael u juru sottomissjoni sħiħa lejn il-kmandamenti ta’ Alla.

# Iċ-ċelebrazzjonijiet ta’ Eid-ul-Ażħa

Il-Musulmani huma mitluba li jagħmlu l-pellegrinaġġ għall-inqas għal darba f’għomorhom, basta jkunu jistgħu jħallsu l-ispiża tal-vjaġġ, m’għandhom dejn ma’ ħadd u mhumiex ipprojbiti li jwettqu l-Ħaġġ. Dawk li għal xi raġuni ma jistgħux iwettqu l-Ħaġġ jingħaqdu fiċ-ċerimonja ta’ Eid-ul-Ażħa fil-lokalitajiet fejn joqogħdu.

L-Eid huwa ċċelebrat b’solennità u qima kbira kullimkien. Bħalma jiġri f’Eid-ul-Fitr, il-Musulmani jibdew bit-tħejjijiet għadd ta’ ġranet qabel iċ-ċerimonja. L-annimali li jkunu se jiġu maqtula jinxtraw ħafna qabel il-jum tal-Eid minn dawk li kapaċi jħallsu u dawn jindokrawhom sewwa. Dawn l-annimali ma jridx ikollhom difetti fiżiċi u jridu jkunu kibru sew. Fil-każ ta’ nagħġa jew mogħża, waħda hi biżżejjed għal familja waħda, waqt li baqra jew ġemel jistgħu jservu seba’ familji.

Il-jum tal-Eid jiġi fl-għaxar jum tax-xahar ta’ Żul-Ħiġġah, ċoè għaxart ijiem wara l-ilmiħ tal-qamar il-ġdid. Kif jitħabbar l-ilmiħ tal-qamar il-ġdid, il-preparazzjonijiet tal-Eid jibdew b’ħerqa kbira. Lejlet jum l-Eid hija dejjem bieżla ħafna, għalhekk il-ħwienet f’ħafna pajjiżi jibqgħu miftuħin sa tard billejl. Kmieni filgħodu wara li jinħaslu u jilbsu l-aħjar ilbies li jista’ jkollhom, il-Musulmani jinġabru fl-Eidgah jew fl-akbar moskej tal-belt għas-servizz tat-Talb tal-Eid, li

jikkonsisti f'żewġ Rakas u jiġi offrut bl-istess mod ta' Eid-ul-Fitr. Ġeneralment f'dan il-Eid ma jittiħidx brekfast, u dawk li joffru s-sagrifiċċji ma jieklu xejn sakemm ikunu qatlu l-annimal. Wara t-talb l-Imam jagħmel diskors fejn ifisser is-sinifikat taċ-ċerimonja u jagħti d-dettalji tas-sagrifiċċji li għamlu Abraham, martu Ħagar u binhom Ishmael. Wara li jerġgħu lura d-dar minn triq differenti fejn ikunu kantaw biex ifaħħru 'l Alla s-Setgħani, il-fidili Musulmani joqtlu l-annimali tagħhom. Fil-jum tal-Eid, il-Musulmani jkantaw kemm jistgħu:

'Alla hu l-Akbar
Alla hu l-Akbar
M'hemm ħadd denju tal-qima ħlief Alla,

Alla hu l-Akbar

Alla hu l-Akbar
Kull foħrija tmur għal Alla.'

Barra talb ieħor tal-okkażjoni dik il-persuna li tkun qed toffri s-sagrifiċċju tal-annimal tlissen dan li ġej:

'Tassew li t-talba tiegħi u s-sagrifiċċju tiegħi u ħajti u mewti huma għal Alla, il-Mulej tad-dinjiet kollha.'

Il-persuna li toffri s-sagrifiċċju titħalla tieħu parti mil-laħam, iżda l-bqija jrid jitqassam bejn il-qraba, il-ħbieb, il-ġirien u l-foqra. L-annimali jistgħu jinqatlu

f'Jum il-Eid jew inkella fil-jumejn ta' wara. Miljuni ta' annimali jinqatlu għal din l-okkażjoni madwar id-dinja kollha. Festi u ċerimonji jsiru tul Jum il-Eid u fil-jumejn ta' wara bil-platti ewlenin ikunu mħejjija mil-laħam. Il-ġlud tal-annimali maqtula jinbiegħu u l-flus jingħataw lil diversi għaqdiet ta' karità. Il-kontribut tal-Eid jinġabar ukoll f'din l-okkażjoni u jintefaq fuq il-benesseri tal-komunità sħiħa.

## Il-ħsieb wara s-sagrifiċċju

Skont it-tagħlim tal-Iżlam, is-sagrifiċċju tal-annimali ma jsirx biex jingħoġbu d-divinitajiet offiżi jew biex tinkiseb l-approvazzjoni tagħhom bil-maħfra tad-dnubiet bħalma kien il-każ f'ħafna nazzjonijiet oħra. Il-Koran Imqaddes jagħmilha ċara ħafna billi jiddikjara:

> La l-laħam u lanqas id-demm tas-sagrifiċċji tagħkom mhuma se jilħqu lil Alla, iżda huwa l-motiv onest ta' warajhom li jilħqu (22:38).

Fi kliem ieħor, il-qtil tal-annimali huwa espressjoni simbolika fejn kull Musulman jiddikjara li lest li jħalli ħajtu u kulma jippossjedi għall-imħabba ta' Alla s-Setgħani. L-annimal li jiġi sagrifikat fir-realtà jirrappreżenta l-annimal li jinsab fil-bniedem innifsu.

# Festi oħra Musulmani

Barra l-festi li ssemmew s'issa u li huma ċċelebrati b'mod universali, hemm xi wħud li huma ffesteġġjati llum il-ġurnata f'ċerti partijiet tad-dinja Musulmana, u li jwasslu l-ferħ, l-hena u s-sodisfazzjon lil dawk il-Musulmani li jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet b'entużjażmu kbir. L-istil taċ-ċelebrazzjonijiet ta' dawn il-festi jvarja minn post għal ieħor u minn denominazzjoni ta' Musulmani għal oħra.

Ta' min ifakkar ukoll li għalkemm f'ħafna każi dawn l-okkażjonijiet imorru lura għall-avvenimenti li seħħu fl-istorja bikrija tal-Iżlam, madankollu saru rikonoxxuti bħala festi ħafna aktar tard. Matul il-ħajja tal-Qaddis Profeta u dawk ta' madwaru, ma nsibux dawn il-festi kif inhuma popolari llum.

# Xab-e-Miraġ

## Sfond storiku

Xab-e-Miraġ tfisser 'il-Lejl tat-Tlugħ'. Huwa l-lejl imbierek meta l-Qaddis Profeta Muħammad ittella' spiritwalment lejn is-sema u laħaq livell għoli ħafna ta' qrubija lejn Alla s-Setgħani li jmur oltre l-fehim ordinarju tal-bnedmin. It-Tlugħ seħħ fil-ħames sena tas-Sejħa, xi seba' snin qabel il-Ħiġra. Il-vjaġġ ma seħħx bil-ġisem fiżiku iżda kienet viżjoni tal-ogħla grad. Fil-

vjaġġ il-Qaddis Profeta ltaqa' ma' Adam, Abraham, Mosè, Ġesù, u ma' xi Profeti oħra. L-għan ta' dan it-tlugħ spiritwali kien biex jikkonferma l-pożizzjoni għolja tal-Profeta tal-Iżlam, pożizzjoni li l-Musulmani kollha jemmnu li hija impossibbli li tinkiseb minn persuna oħra fid-dinja. Jingħad li anki Gabriel, l-Anġlu li kien qiegħed jakkumpanja lill-Qaddis Profeta, f'waqt minnhom irrimarka, 'Jien se jkolli nieqaf hawn. Ma nistax navvanza aktar, iżda inti ja Messaġġier tal-Paċi u ħabib ta' Sid id-Dinjiet, ibqa' sejjer bit-tlugħ glorjuż tiegħek.'

Huwa rrakkuntat li l-Qaddis Profeta Muħammad kompla bil-vjaġġ tiegħu sakemm qorob immensament u kiseb l-aqwa avviċinament lejn it-Tron ta' Alla s-Setgħani. Wara li xorob għalkollox mill-funtana Divina tal-għerf spiritwali, reġa' niżel biex jaqsam dak l-għerf mal-bniedem.

## Ċelebrazzjonijiet

Skont il-fehma popolari l-Miraġ jew it-Tlugħ Spiritwali seħħ fis-27 jum ta' Raġab.

F'xi pajjiżi Musulmani d-djar, it-toroq u b'mod speċjali l-moskej huma mżejna bi bnadar ikkuluriti, u billejl huma mdawla sew permezz ta' bozoz tal-elettriku, xemgħat u saħansitra lampi taż-żejt. Hekk kif toqrob l-għaxija l-fidili jinġabru fil-moskej u hemmhekk jedhew fil-glorifikazzjoni tal-Mulej billi jkantaw

innijiet li jfaħħru Lilu kif ukoll lill-Qaddis Profeta Muħammad. Jinżammu wkoll laqgħat pubbliċi fil-moskej il-kbar ħafna drabi wara t-Talba ta' Isha fejn il-kelliema jamplifikaw il-qagħda spiritwali tal-Qaddis Profeta u aspetti varji oħra minn ħajtu. L-istorja tat-tlugħ spiritwali tiegħu hija rakkuntata fid-dettall. Wara l-laqgħat ġeneralment jitqassam il-ħelu. Il-Musulmani tat-tajjeb joffru l-flus għall-karità u jqassmu wkoll l-ikel lill-fqar. L-aktar devoti jqattgħu l-lejl kollu jitolbu 'l Alla.

# Lailat-ul-Qadr
## (Il-Lejl tad-Deċiżjoni)

Dan il-lejl imbierek huwa msejjaħ ukoll il-lejl tal-Qawwa. Huwa l-lejl partikolari fix-xahar ta' Ramażan meta beda jiġi rivelat għall-ewwel darba l-Koran Imqaddes. Il-Koran Imqaddes jiddikjara: 'Ix-xahar ta' Ramażan huwa x-xahar li fih il-Koran beda jiġi rivelat, il-Ktieb li jikkomprendi d-direzzjoni lill-umanità u li fih provi ċari ta' gwida u sinjali divini li juru d-differenza bejn il-verità u  l-falzità... (2:186)'. L-ewwel versi li ġew rivelati lill-Qaddis Profeta Muħammad, jalla l-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu, huma dawn li ġejjin:

Traduzzjoni:

> 'Itlob f'isem il-Mulej tiegħek li ħalaq kollox. Huwa ħalaq lill-bniedem minn għoqda ta' demm.

> Itlob, il-għaliex il-Mulej tiegħek huwa qalbu tajba, li għallem bil-pinna, għallem lill-bniedem dak li ma kienx jaf.' (Kap.96:2-6)

Dak iż-żmien kellu erbgħin sena. Ir-rivelazzjoni baqgħet sejra sa mewtu, ċoè għal perjodu ta' madwar tlieta u għoxrin sena.

Il-Koran Imqaddes iqis il-Lejl tad-Deċiżjoni bħala aqwa minn elf xahar. Huwa jiddikjara f'Kapitlu 97:

Traduzzjoni:

> 'F'isem Alla, l-Aktar Ġentili, l-Iżjed Ħanin. Tabilħaqq li aħna bgħatna l-Koran fil-Lejl tad-Deċiżjoni. Kif se tkunu tafu x'inhu l-Lejl tad-Deċiżjoni? Il-Lejl tad-Deċiżjoni hu aqwa minn elf xahar. Hemmhekk jinżlu l-anġli u l-Ispirtu bl-amar tal-Mulej tagħhom bid-deċiżjoni tal-Mulej tagħhom fuq kull kwistjoni li teżisti. Kollox fil-paċi sa sbieħ il-jum.'

Il-Qaddis Profeta tal-Iżlam irrimarka:

> 'Fittxu l-Lejl tad-Deċiżjoni fost l-iljieli strambi tal-aħħar għaxar iljieli tax-xahar ta' Ramażan.'

Fil-fatt ix-xahar kollu ta' Ramażan huwa perjodu ta' taħriġ spiritwali fejn il-fidili jiddedikaw ħafna mill-ħin għas-sawm, għat-Talb, għar-reċitazzjoni frekwenti

tal-Koran Imqaddes u għall-glorifikazzjoni ta' Alla, kif ukoll għall-karità u r-rieda tajba, iżda fl-aħħar għaxart ijiem tax-xahar iħabirku aktar biex iqimu lil Alla s-Setgħani u biex iwettqu l-għemejjel tajba.

Il-fidili jinġabru fil-moskea f'numri kbar għat-talb u jqattgħu dawn l-iljieli jiftakru f'Alla, jitolbu maħfra għan-nuqqasijiet tagħhom u jistennew dak il-lejl imbierek bil-fehma soda li Alla se jaċċetta bil-qalb it-talb tagħhom tul dan il-lejl.

Dawk li jistgħu jiddedikaw il-ħin kollu tagħhom biex ifaħħru lil Alla jibqgħu fil-moskea għal għaxart ijiem. Din l-adorazzjoni tissejjaħ Itikaf jew Irtir. Huma jsumu tul il-ġurnata u jqattgħu l-ħin fil-preżenza ta' Alla billi jgħidu Talb volontarju u jistudjaw il-Koran Imqaddes, lejl u nhar, barra t-Talb obbligatorju li jgħidu mal-kongregazzjoni. L-ikel u neċessitajiet oħra tal-ħajja huma pprovduti lilhom tul il-ħin kollu li jqattgħu fil-moskea, b'hekk ma jkollhomx għalfejn iwarrbu mill-akkwati tal-moskea ħlief għal xi raġuni purament reliġjuża.

Billi huma jiddedikaw dan il-ħin kollu fit-tfakkir ta' Alla, huma jittamaw li jaqilgħu grazzji u benedizzjonijiet divini marbuta ma' dan il-lejl imbierek.

Il-Profeta tal-Iżlam innifsu kien partikolari ħafna f'dan ir-rigward. Jingħad li meta kienu jibdew l-aħħar għaxart ijiem tar-Ramażan, huwa kien jibqa' mqajjem

il-lejl kollu jitlob b'entużjażmu kbir.

> Ayesha, mart il-Qaddis Profeta, darba staqsietu, 'Ja Messaġġier ta' Alla, għidli, fil-każ li nintebaħ liema hu l-Lejl tad-Deċiżjoni, kif se nitlob fih?' Huwa wieġeb: 'Itlob: Alla, Inti l-aktar li taħfer u tħobb tassew il-Maħfra, mela Aħfirli.' (Tirmiżi)

# Eid Milad-un-Nabi

## Sfond storiku

Eid Milad-un-Nabi, magħruf ukoll bħala Mawlid-un-Nabi, hija l-festa li tfakkar l-anniversarju tat-twelid tal-Qaddis Profeta Muħammad (il-paċi tkun fuqu). Hija ċċelebrata fit-tnax-il jum ta' Rabi-ul-Awwal. Fl-opinjoni tal-Musulmani, din id-data tikkommemora l-aktar avveniment importanti fl-istorja tad-dinja. Muħammad, il-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu, jitqies bħala l-Mexxej tal-Profeti, l-aktar raġel Perfett li lilu ġie rivelat il-Koran Imqaddes, l-aqwa xempju u l-akbar benefattur tal-umanità. Huwa l-persuna li fuqu Alla pproklama:

> 'Alla jibgħat il-benedizzjonijiet tiegħu fuq il-Profeta, u l-Anġli Tiegħu jitfgħu l-benedizzjonijiet Tiegħu l-ħin kollu fuqu; intom ukoll, ja fidili, titfgħu l-benedizzjonijiet ta' Alla fuqu u toffrulu t-tislima tal-paċi.' (33:57)

# Ċelebrazzjonijiet

F'din l-okkażjoni l-għadd ta' ċelebrazzjonijiet huwa ristrett minħabba l-fatt li l-istess ġurnata tfakkar l-anniversarju tal-mewt tiegħu.

F'dan il-jum għalhekk isiru laqgħat pubbliċi fil-moskej, fejn il-mexxejja reliġjużi jagħmlu diskorsi dwar aspetti differenti tal-ħajja ta' dan ir-raġel kbir. L-istejjer tat-twelid tal-Profeta, it-tfulija, iż-żgħożija u l-ħajja tiegħu ta' adult, il-karattru, it-tagħlim, is-sofferenzi, il-maħfra saħansitra tal-aktar għedewwa kattivi tiegħu, il-qawwa tiegħu quddiem l-oppożizzjoni li ffaċċja, it-tmexxija tiegħu fil-battalji, il-qlubija, l-għerf, il-prietki, u t-trijonf aħħari tiegħu bis-saħħa tal-ħniena ta' Alla fuq il-qlub tan-nies, dawn kollha huma rrakkuntati fid-dettall.

Tislim u poeżiji jitleħħnu biex ifaħħruh. F'xi pajjiżi t-toroq, il-moskej u bini pubbliku huma mżejna bi bnadar ikkuluriti u mdawla sew billejl. Musulmani devoti joffru somom kbar ta' flus lill-karità. Jiġu organizzati l-festi u platti bir-ross u l-laħam jiġu servuti lill-mistednin u jitqassmu wkoll lill-fqar. F'xi bliet kbar ikun hemm ukoll purċissjonijiet twal u n-nies f'burdata ferrieħa jkantaw innijiet biex ifaħħru l-Qaddis Profeta.

Xi Musulmani, madankollu, ma jiċċelebrawx la t-twelid u lanqas il-mewt tal-Qaddis Profeta għax jemmnu li l-kommemorazzjoni tal-anniversarji tat-twelid jew tal-mewt ma tagħmilx sens f'soċjetà Musulmana. Minflok

itellgħu l-laqgħat imsejħa Seerat-un-Nabi fejn isiru diskorsi dwar aspetti differenti mill-ħajja ta' dan l-akbar benefattur tal-umanità.

# Il-Festival ta' Muħarram

## Sfond storiku

Dan huwa festival li jdum għaxart ijiem u jikkommemora l-martirju ta' Hussain, in-neputi tal-Qaddis Profeta tal-Iżlam. Il-festival ħa l-isem mill-ewwel xahar tal-kalendarju Iżlamiku. Dan huwa x-xahar li fih, minħabba differenzi reliġjużi, Hussain, il-membri tal-familja tiegħu u għadd mid-dixxipli tiegħu ġew iċċirkondati mill-forzi ta' Yazid, il-mexxej Musulman ta' dak iż-żmien, waqt li kienu qed jivvjaġġaw. Ġew imċaħħda mill-ikel u x-xorb u ħafna minnhom inqatgħatilhom għall-mewt. Dan l-inċident seħħ f'post jismu Karbala fl-Iraq fis-sena 61wĦ. Fil-fatt, wara l-mewt tar-raba' Kalif (Ali), il-Musulmani nqasmu bejniethom minħabba li ma qablux dwar il-ħatra tal-kalif il-ġdid, u b'riżultat ta' dan iġġieldu bejniethom u kien hemm ħafna ċarċir ta' demm.

## L-osservanza tal-festival

Xi denominazzjonijiet Musulmani jagħmlu laqgħat fejn isiru diskorsi dwar l-avvenimenti li seħħu f'Karbala, u dwar il-ħajjiet tal-martri, iżda d-denominazzjoni

Musulmana tax-Xiti tosserva dan il-festival b'mod differenti. Hekk kif joqrob l-ewwel xahar tas-sena Musulmana, Muħarram, dawn jilbsu ħwejjeġ suwed, għax l-iswed jitqies bħala l-kulur tal-vistu. Jiġu organizzati laqgħat kuljum tul l-ewwel disat ijiem fejn oraturi Xiti jirrakkontaw l-inċident tal-mewt ta' Hussain u ta' madwaru f'ħafna dettall, u fl-għaxar jum ta' Muħarram jiġu ffurmati purċissjonijiet twal u s-segwaċi devoti jimxu fit-toroq bis-slowgans f'idejhom u jġorru mudelli tal-musulew ta' Hussain u ta' madwaru tiegħu, li mietu f'Karbala. Huma jesprimu n-niket u d-dwejjaq tagħhom billi jferu lilhom infushom billi jissawtu b'biċċiet penetranti tal-metall imwaħħlin mal-ktajjen, biex b'hekk jissimbolizzaw is-sofferenzi tal-martri. Hija okkażjoni ta' diqa u kulħadd fil-purċissjoni jibda jgħajjat 'Ja Hussain', b'ħafna tinwiħ u xehir. Ħafna drabi jkun hemm ukoll fil-purċissjoni żiemel abjad imżejjen sabiħ għall-okkażjoni forsi biex ifakkar iż-żiemel bla rikkieb ta' Hussain wara l-martirju tiegħu.

Tul dawn l-għaxart ijiem il-komunità Xita twaqqaf b'mod temporanju strutturi għax-xorb minn fejn jitqassmu l-ilma u l-meraq tal-frott b'xejn għal kulħadd.

# ĊERIMONJI

## It-Twelid ta' Tarbija

Meta titwieled tarbija ġo familja Musulmana, il-ġenituri jiċċelebraw it-twelid tagħha permezz ta' radd il-ħajr, talb u t-twettiq ta' ċerti ritwali. Uħud minnhom huma msemmija hawn:

### i) Ir-Reċitazzjoni ta' Ażan u Ikamah

L-ewwel ċerimonja li ssir hija dik li jingħadu Ażan u Ikamah f'widnejn it-tarbija tat-twelid. Wara li t-tarbija titnaddaf u tiġi maħsula sewwa, Ażan tingħad f'widintha tal-lemin u Ikamah tingħad f'widintha tax-xellug. It-talb irid jingħad f'widnejn it-tarbija b'mod li bilkemm jinstema'. Ir-ritwal jista' jsir minn kulħadd, iżda ħafna drabi tintalab biex tagħmlu xi persuna anzjana fil-familja jew xi ħadd reliġjuż ħafna.

Ażan hija s-sejħa għat-Talb li tistieden lill-Musulmani għat-talb obbligatorju filwaqt li Ikamah hija t-twissija li t-Talb ikun se jibda. (Ara s-servizz tat-Talb tal-Ġimgħa.)

L-għan taċ-ċerimonja huwa biex jiġi enfasizzat fuq il-Musulmani li l-iskop ewlieni tal-ħajja umana huwa li tqim lil Alla, Sid id-Dinjiet, u għalhekk it-

tarbija għandha tkun konxja tal-veritajiet reliġjużi mit-twelid tagħha stess.

## ii) L-ewwel Ikla

L-ewwel ikel jew sustanza li jmiss ħalq it-tarbija huwa meqjus bħala importanti. Għalhekk, qabel ma l-omm tibda tredda' lit-tarbija tagħha, persuna reliġjuża jew anzjana fil-familja tintalab biex titma' lit-tarbija naqra ikel. Jekk ħadd ma jkun preżenti, missier it-tarbija jwettaq ir-ritwal. Tamal misjur, għasel, meraq tal-frott jew xi ikel tat-trabi ieħor li jkun addattat jista' jintuża għal dan il-għan. In-nies ta' madwar il-Qaddis Profeta tal-Iżlam kienu jħallu lill-Qaddis Profeta nnifsu biex jitma' għall-ewwel darba lit-trabi tat-twelid tagħhom, fejn huwa kien jomgħod biċċa tamla misjura f'ħalqu ħalli jrattabha sew u mbagħad kien jitmagħha lit-tarbija.

## iii) It-Tqaxxir tar-Ras

Skont tradizzjonijiet Iżlamiċi, sebat ijiem wara t-twelid, ras it-tarbija titqaxxar u dawk li jaffordjaw joffru deheb jew fidda ekwivalenti għall-piż tax-xagħar imneħħi bħala karità lill-fqar jew lil dawk fil-bżonn. Ġeneralment, wara t-taqxira, jintgħorok bil-mod fuq ras it-tarbija ftit żejt taż-żebbuġa mħallat maż-żagħfran. Jekk it-tqaxxir ma jsirx fis-seba' jum wara t-twelid, jista' jsir fl-erbatax jew fil-wieħed u għoxrin ġurnata.

## iv) Isem it-Tarbija

Jekk it-tarbija ma tingħatax isem mat-twelid tagħha, dan jiġi deċiż fis-seba' jum wara t-twelid. Hija l-użanza li tintalab persuna reliġjuża biex issemmi lit-tarbija, iżda l-ġenituri jew qraba oħra wkoll jistgħu jagħżlu isem għat-tarbija. Hija drawwa komuni li t-tfal jissemmew għall-ismijiet differenti tal-Qaddis Profeta nnifsu, tad-dixxipli tiegħu, mexxejja famużi jew personalitajiet importanti oħra fl-Iżlam.

## v) Iċ-Ċirkonċiżjoni

Għat-tfal subien, ċerimonja oħra li hija essenzjali hija ċ-ċirkonċiżjoni. Din mhijiex biss drawwa Iżlamika. Tmur lura għaż-żmien tal-Profeta Abraham, il-paċi tkun fuqu, u segwaċi ta' xi reliġjonijiet oħra jipprattikawha wkoll. Iċ-ċirkonċiżjoni tista' titwettaq f'kull ħin iżda preferibbilment issir fl-ewwel sebat ijiem mit-twelid. Jekk ma titwettaqx f'dan iż-żmien, xorta waħda tista' ssir aktar tard. F'xi pajjiżi din l-operazzjoni żgħira ssir bħala rutina fl-isptarijiet fi ftit ġranet wara t-twelid tat-tarbija u tinvolvi t-tneħħija tal-prepuzju mlaħlaħ tal-organu maskili.

## vi) Akeeka jew il-festa tas-sagrifiċċju

Ġeneralment fis-seba' jum mit-twelid tat-tarbija jsir sagrifiċċju ta' annimal u jagħmlu festa fejn jiġu mistiedna l-ħbieb, il-qraba u l-ġirien. Ftit millaħam issagrifikat jitqassam lill-fqar. L-annimal li jinqatel jista' jkun mogħża, nagħġa, ħaruf, baqra jew ġemel. Jekk titwieled tifla, annimal wieħed jiġi ssagrifikat, iżda jekk ikun tifel għandhom jinqatlu żewġ annimali. Ta' min wieħed jinnota li l-festa mhijiex obbligatorja. Huma l-ġenituri li jiddeċiedu għalkemm is-sagrifiċċju jrid isir. Huwa importanti li l-annimal ma jkollux difetti fiżiċi u jkun kiber diġà. Jekk għal xi raġuni ċ-ċerimonja ma tkunx tista' ssir fis-seba' jum wara t-twelid tattarbija, jistgħu jagħmluha fl-erbatax jew fil-wieħed u għoxrin ġurnata wara t-twelid. Jekk it-tfal jaslu f'età ta' dehen u maturità u jkunu jafu, jew ikollhom raġuni għalfejn jemmnu li s-sagrifiċċju ma jkunx twettaq għalihom, mela huma stess jistgħu jagħmlu ċ-ċerimonja.

# Iż-Żwieġ

Il-familja hija n-nukleu bażiku tas-soċjetà umana. Skont it-tagħlim tal-Iżlam il-pedament tal-familja jitwaqqaf bis-saħħa taż-żwieġ. Iż-żwieġ jitqies bħala kuntratt ċivili bejn il-partijiet. Minħabba li m'hemmx saċerdozju fl-Iżlam iż-żwieġ jista' jiġi vvalidat minn xi ħadd li għandu għarfien tajjeb tal-liġi Iżlamika, u jista' jseħħ f'kull lok li hu konvenjenti għall-partijiet. Iċ-ċerimonja tissejjaħ Nikah jew id-dikjarazzjoni taż-żwieġ. Ħafna drabi sseħħ f'moskea mill-Imam tal-moskea stess. Meta l-għarusa, l-għarus, il-ġenituri tagħhom, il-ħbieb u l-qraba jinġabru fil-moskea, l-Imam jitlob:

اَلْحَمْدُ لِلّٰهِ نَحْمَدُهٗ وَ نَسْتَعِيْنُهٗ وَ نَسْتَغْفِرُهٗ وَ نُؤْمِنُ بِهٖ وَ نَتَوَكَّلُ عَلَيْهِ

وَ نَعُوْذُ بِا للّٰهِ مِنْ شُرُوْرِ اَنْفُسِنَا وَ مِنْ سَيِّاٰتِ اَعْمَالِنَا مَنْ يَّهْدِهِ اللّٰهُ

فَلاَ مُضِلَّ لَهٗ وَمَنْ يُّضْلِلْهُ فَلاَ هَادِىَ لَهٗ ط وَ نَشْهَدُ اَنْ لاَّ اِلٰهَ اِلاَّ اللّٰهُ

وَحْدَهٗ لاَ شَرِيْكَ لَهٗ وَ نَشْهَدُ اَنَّ مُحَمَّدًا عَبْدُهٗ وَ رَسُوْلُهٗ ط اَمَّا بَعْدُ

فَاَعُوْذُ بِاللّٰهِ مِنَ الشَّيْطٰنِ الرَّجِيْمِ . بِسْمِ اللّٰهِ الرَّحْمٰنِ الرَّحِيْمِ

يٰاَيُّهَا النَّاسُ اتَّقُوْا رَبَّكُمُ الَّذِىْ خَلَقَكُمْ مِّنْ نَّفْسٍ وَّاحِدَةٍ وَّخَلَقَ

مِنْهَا زَوْجَهَا وَبَثَّ مِنْهُمَا رِجَالاً كَثِيْرًا وَّ نِسَآءً ج وَاتَّقُوا اللّٰهَ الَّذِىْ

تَسَآءَلُوْنَ بِهٖ وَالْاَرْحَامَ ط اِنَّ اللّٰهَ كَانَ عَلَيْكُمْ رَقِيْبًا0

يَاَيُّهَا الَّذِيْنَ اٰمَنُوا اتَّقُوا اللّٰهَ وَقُوْلُوْا قَوْلاً سَدِيْدًا0 يُّصْلِحْ لَكُمْ
اَعْمَالَكُمْ وَ يَغْفِرْلَكُمْ ذُنُوْبَكُمْ وَمَنْ يُّطِعِ اللّٰهَ وَ رَسُوْلَهٗ فَقَدْ
فَازَ فَوْزًا عَظِيْمًا0
يَاَيُّهَا الَّذِيْنَ اٰمَنُوا اتَّقُوا اللّٰهَ وَلْتَنْظُرْ نَفْسٌ مَّا قَدَّمَتْ لِغَدٍ وَاتَّقُوا
اللّٰهَ اِنَّ اللّٰهَ خَبِيْرٌ بِمَا تَعْمَلُوْنَ0

Traduzzjoni:

‘Kull tifħir imur għal Alla, aħna nfaħħru, infittxu l-għajnuna u nitolbu l-protezzjoni Tiegħu. Aħna niftħu qalbna Miegħu, nafdaw Lilu biss, u nfittxu l-protezzjoni mill-ħażen u l-imqarbezza ta’ rwieħna u mill-konsegwenzi ħżiena tal-għemejjel tagħna. Lil kull min jiddiriġih fit-triq it-tajba, ħadd ma jkun jista’ jiddiriġih ħażin; u lil kull min jiddikjarah mitluf, ħadd ma jista’ jiddiriġih għat-triq it-tajba. Aħna nagħtu xhieda li ħadd ma jistħoqqlu li jkun meqjum ħlief Alla. Huwa waħdu u m’għandu l-ebda sieħeb. Aħna nagħtu xhieda li Muħammad huwa l-Qaddej u l-Messaġġier Tiegħu. Wara nfittex refuġju f’Alla minn Satana, il-miċħud. F’Isem Alla, Kollu Grazzja, il-Ħanin.

Ja nies, ibżgħu minn Sidkom li ħalaqkom minn ruħ waħda u minnha ħalaq seħbitu. Minnhom

it-tnejn xerred ħafna rġiel u nisa. Ibżgħu minn Alla li f'ismu titolbu u agħtu kas tad-drittijiet tar-relazzjonijiet tal-ġuf. Tassew li Alla jħares fuqkom.

Intom li temmnu! Ħarsu d-dmir tagħkom lejn Alla u tkellmu b'mod sinċier. Alla jsewwi l-għemejjel tagħkom u jaħfrilkom dnubietkom. Dak li jobdi lil Alla u lill-Messaġġier Tiegħu, dak li tassew jikseb l-aqwa suċċess.

Intom li temmnu! Ibżgħu minn Alla u ħallu lil kull ruħ tara hi x'se twassal għall-għada. Ibżgħu minn Alla! Alla tabilħaqq jaf sewwa b'dak li tagħmlu.'

Id-diskors bl-Għarbi kien jintuża mill-Qaddis Profeta tal-Iżlam f'okkażjonijiet bħal dawn. Jista' jiġi segwit minn eżortazzjoni fejn l-Imam ifisser il-qdusija tal-istituzzjoni taż-żwieġ fl-Iżlam u d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tar-raġel u l-mara. Wara d-diskors l-Imam iħabbar iż-żwieġ billi jsemmi l-partijiet. Minħabba li ż-żwieġ fl-Iżlam huwa kuntratt bejn raġel u mara li ma fihx ostakli legali, il-kunsens tal-għarus kif ukoll il-kunsens tal-għarusa u tal-kustodju tagħha huma essenzjali.

Għalhekk l-Imam jindirizza l-kustodju tal-għarusa u jsaqsih biex jiddikjara pubblikament jekk jaqbilx maż-żwieġ ta' bintu, jew tat-tfajla li jieħu ħsieb, mal-għarus.

Wara din id-dikjarazzjoni, l-Imam jindirizza lill-għarus u jsaqsih biex jiddikjara bl-istess mod il-kunsens tiegħu biex jiżżewweġ it-tfajla msemmija. Il-kunsens liberu tal-għarusa ġeneralment jinkiseb qabel iċ-ċerimonja b'mod dirett jew indirett. Ħafna drabi jsir kuntratt bil-miktub mill-għarusa, missierha jew il-kustodju tagħha u l-għarus, u mbagħad jiġi ffirmat minn żewġ xhieda. Id-dota (ir-rigal mogħti lill-mara mir-raġel għall-okkażjoni taż-żwieġ) tkun miftiehma qabel ma tiġi mħabbra ċ-ċerimonja.

Iċ-ċerimonja tintemm b'talba silenzjuża mmexxija mill-Imam, u wara jsir it-tislim. Tamal niexef u ħelu ieħor ħafna drabi jitqassam lil dawk preżenti f'okkażjonijiet bħal dawn.

## Iċ-ċerimonja tat-tluq (Rukhstana)

Wara ċ-ċerimonja ta' Nikah il-koppja titqies legalment bħala miżżewġa iżda ħafna drabi ma jgħixux flimkien sakemm issir iċ-ċerimonja tat-tluq. L-għarus, flimkien mal-qraba u l-ħbieb tiegħu, iżur id-dar tal-għarusa jew inkella jmur f'post ieħor addattat fejn ikun hemm ukoll il-qraba u l-mistiedna tal-għarusa. Hemmhekk ġeneralment jitqassam ix-xorb u l-ikel lin-nies preżenti. Jingħataw rigali u għotjiet lill-koppja mill-ġenituri tal-għarusa u mistiedna oħra biex jgħinuhom jibdew il-ħajja indipendenti tagħhom. L-għarusa mbagħad isellmulha bit-talb. Ta' min jinnota madankollu li mhuwiex obbligatorju għall-għarus u n-nies tiegħu li

jżuru d-dar tal-għarusa minħabba din iċ-ċerimonja. Xi kultant il-ġenituri u l-qraba tal-għarusa jsellmulha u hi tingħaqad ma’ żewġha fid-dar tiegħu.

## Il-festa ta’ Waleema

Wara li ż-żwieġ jiġi kkunsmat l-għarus jistieden lill-qraba, ħbieb u kollegi oħra tiegħu kif ukoll lill-qraba tal-għarusa għall-festa tat-tieġ li tissejjaħ il-festa ta’ Waleema. Għal din l-okkażjoni ħafna drabi jiġu stampati inviti speċjali. Ikun hemm ukoll ikel li jitqassam lill-fqar. Dawk kollha preżenti jitolbu għas-suċċess u l-hena tal-koppja li ngħaqdet fiż-żwieġ.

## L-għoti tad-dota

Skont it-tagħlim tal-Iżlam ir-raġel huwa responsabbli biex jipprovdi l-bżonnijiet tal-ħajja lil martu u lil uliedu. Il-Koran Imqaddes jiddikjara:

> Agħtu lin-nisa tagħkom id-dota tagħhom bħala għotja minn qalbkom, iżda jekk, minn rajhom, iroddulkom xi ħaġa minnha, intom tistgħu teħduha u tithennew biha. (4:5)

Is-somma ta’ flus, proprjetà jew xi akkwisti importanti oħra li jingħataw lill-mara bħala dota huma tagħha bi dritt. Il-ħlas jista’ jsir bi ftehim reċiproku fuq medda ta’ żmien. Xi jkunu r-rigali u l-metodu tal-ħlas huma speċifikati fiż-żmien ta’ Nikah u jitniżżlu fil-kuntratt

taż-żwieġ. L-ammont jiddependi mill-mezzi tal-għarus iżda la għandu jkun eċċessiv u lanqas miżeru. Id-dota trid tingħata lill-għarusa sakemm ma tagħżilx hi stess li tista' tgħaddi mingħajrha.

# Il-Mewt

Il-bniedem huwa mortali iżda skont it-tagħlim tal-Iżlam il-mewt mhijiex it-tmiem tal-ħajja. Hemm ħajja lil hinn mill-qabar li fil-fatt hija riflessjoni tal-ħajja attwali. Għalhekk, għalkemm nitnikktu bit-telfa ta' xi ħadd għażiż għalina madankollu m'għandniex għalfejn nitħassru lill-mejtin tagħna. Li wieħed jixher fuq il-mejtin, jew li jqatta' ħwejġu jew li jittormenta lilu nnifsu mhuwiex il-mod li bih Musulman jesprimi n-niket u d-dwejjaq tiegħu.

Meta Musulman jisma' bl-aħbar kerha tal-mewt ta' xi ħadd huwa jlissen:

> 'Inna Lillahi wa inna ilaihi Rajioon.'

Traduzzjoni:

> 'Aħna tabilħaqq ta' Alla, u aħna lejh nerġgħu lura.'

Il-qraba u l-ħbieb jinġabru fid-dar tal-persuna li tkun mietet u jwennsu u jfarrġu lill-membri tal-familja tagħha.

Il-Qaddis Profeta wissa lill-Musulmani biex jidfnu lill-mejtin tagħhom mingħajr dewmien. Għaldaqstant il-ġisem mejjet jinħasel sewwa, jitgeżwer f'żewġ ložor mhux meħjuta ta' drapp abjad nadif minn rasu sa saqajh u jinġarr fuq barella (jista' jintuża tebut) sal-lok fejn tkun se ssir it-Talba tal-Funeral. Din titqiegħed quddiem l-Imam u kull min jattendi għas-servizz tal-funeral irid joqgħod wara l-Imam f'ringieli bħalma jsir f'Servizzi oħra ta' Talb. Ir-ringieli jridu jkunu f'għadd farradi. M'hemm l-ebda qgħad bilqiegħda jew prostrazzjoni f'dan is-servizz. L-Imam jibda t-talb billi jgħolli jdejh sal-livell ta' widnejh u waqt li jlissen Allah-o-Akbar (Alla hu l-Akbar) jorbot dirgħajh fuq sidru. Imbagħad l-Imam kif ukoll is-segwaċi jlissnu Sura Al-Fatiħa silenzjożament:

بِسْمِ اللّٰهِ الرَّحْمٰنِ الرَّحِيْمِ ۝
اَلْحَمْدُ لِلّٰهِ رَبِّ الْعٰلَمِيْنَ ۝١ الرَّحْمٰنِ الرَّحِيْمِ ۝٢
مٰلِكِ يَوْمِ الدِّيْنِ ۝٣ اِيَّاكَ نَعْبُدُ وَاِيَّاكَ نَسْتَعِيْنُ ۝٤
اِهْدِنَا الصِّرَاطَ الْمُسْتَقِيْمَ ۝٥ صِرَاطَ الَّذِيْنَ اَنْعَمْتَ
عَلَيْهِمْ ۝٦ غَيْرِ الْمَغْضُوْبِ عَلَيْهِمْ وَلَا الضَّآلِّيْنَ ۝٧

Traduzzjoni

F'Isem Alla, Kollu Grazzja, il-Ħanin. It-tifħir

kollu għal Alla, Sid id-Dinjiet kollha. Kollu Grazzja, il-Ħanin, Sid Jum il-Ħaqq. Lilek biss inqimu u lilek biss nitolbu għajnuna. Mexxina fit-triq it-tajba, it-triq ta’ dawk li berikt bil-grazzja tiegħek, mhux ta’ dawk li ġabu l-għadab tiegħek, u lanqas tal-mitlufin. Ammen.

L-Imam itenni Allah-o-Akbar u kulħadd jgħid dan li ġej fis-skiet:

اَللّٰهُمَّ صَلِّ عَلٰى مُحَمَّدٍ وَّعَلٰى اٰلِ مُحَمَّدٍ كَمَا صَلَّيْتَ عَلٰى
إِبْرَاهِيْمَ وَعَلٰى اٰلِ إِبْرَاهِيْمَ إِنَّكَ حَمِيْدٌ مَّجِيْدٌ. اَللّٰهُمَّ
بَارِكْ عَلٰى مُحَمَّدٍ وَّعَلٰى اٰلِ مُحَمَّدٍ كَمَا بَارَكْتَ عَلٰى إِبْرَاهِيْمَ
وَعَلٰى اٰلِ إِبْرَاهِيْمَ إِنَّكَ حَمِيْدٌ مَّجِيْدٌ.

Traduzzjoni

Bierek O Alla, lil Muħammad u ’l niesu bħalma Inti berikt lil Abraham u ’l niesu. Inti tabilħaqq il-Glorjuż, dak li jistħoqqlu kull tifħir. Mexxi ’l quddiem, O Alla, lil Muħammad u ’l niesu bħalma Inti mexxejt ’il quddiem lil Abraham u ’l niesu. Inti tabilħaqq li ħaqqek kull tifħir, il-Glorjuż.

L-Imam jerġa’ jlissen Allah-o-Akbar b’vuċi għolja għat-tielet darba u mbagħad tingħad it-talba li ġejja fis-skiet jekk il-mejjet ikun persuna adulta.

اَللّٰهُمَّ اغْفِرْ لِحَيِّنَا وَمَيِّتِنَا وَشَاهِدِنَا وَغَائِبِنَا وَصَغِيرِنَا
وَكَبِيرِنَا وَذَكَرِنَا وَأُنْثَانَا اَللّٰهُمَّ مَنْ أَحْيَيْتَهُ مِنَّا فَأَحْيِهِ
عَلَى الْإِسْلَامِ وَمَنْ تَوَفَّيْتَهُ مِنَّا فَتَوَفَّهُ عَلَى الْإِيمَانِ اَللّٰهُمَّ
لَا تَحْرِمْنَا أَجْرَهُ وَلَا تَفْتِنَّا بَعْدَهُ.

Traduzzjoni

O Alla aħfer lill-ħajjin tagħna u lill-mejtin tagħna, u dawk minna li huma preżenti u dawk minna li huma assenti, u ż-żgħar tagħna u x-xjuħ tagħna, u l-irġiel tagħna u n-nisa tagħna. O Alla, dawk minna li Inti rregalajt il-ħajja ħallihom sodi fl-Iżlam u dawk minna li Inti se ġġagħalhom iħalluna, ħallihom imutu fil-fidi. Iċċaħħadniex, O Alla, mill-benefiċċji li jħalli l-mejjet u tissottomettiniex għal proċess ġudizzjarju warajh.

Fil-każ tat-tfal, tingħad din it-Talba minflok ta' fuq:

اَللّٰهُمَّ اجْعَلْهُ لَنَا سَلَفًا وَفَرَطًا وَاجْعَلْهُ لَنَا أَجْرًا وَذُخْرًا وَ
اجْعَلْهُ لَنَا شَافِعًا وَمُشَفَّعًا؛

Traduzzjoni

O Alla! Agħmlu l-prekursur tagħna, u agħmlu,

għalina, premju u teżor u agħmlu għalina tallab u aċċetta t-talbiet tiegħu.

Wara dan kollu l-Imam jerġa' jgħid Allah-o-Akbar għarraba' darba u jdawwar wiċċu lejn il-lemin u jlissen:

Assalamo Alaikum wa Rahmatullah. (Il-paċi tkun magħkom u l-benedizzjonijiet ta' Alla.)

Imbagħad idawwar wiċċu lejn ix-xellug u jtenni t-talba. B'hekk jintemm it-Talb. Il-ġisem jittieħed iċ-ċimiterju u jindifen. Dawk li jkunu jistgħu jmorru ċ-ċimiterju għad-difna jingħaqdu mal-purċissjoni tal-funeral.

It-Talba tal-Funeral hija Obbligazzjoni Kollettiva (Faraż Kifaja) tal-komunità Musulmana, li tfisser li jekk ftit membri mill-komunità jmexxu s-servizz tal-funeral, huma jitqiesu li ssodisfaw l-obbligazzjoni f'isem il-komunità sħiħa. L-għan tat-talba tal-funeral fl-Iżlam huwa li wieħed ifittex il-maħfra ta' Alla u l-ħniena Tiegħu għall-mejtin. Il-Musulmani għaldaqstant huma mħeġġa biex jipparteċipaw fis-servizz tal-funeral. Ayesha, mart il-Qaddis Profeta, tirrakkonta li l-Qaddis Profeta qal:

'Jekk ikun hemm mitt Musulman jipparteċipa fis-servizz tal-funeral ta' persuna mejta, kollha jitolbu bil-ħerqa għaliha, it-talb tagħhom ikun mismugħ.' (Muslim)

Għalkemm bħala regola ġenerali, il-katavru jitqiegħed quddiem il-kongregazzjoni għas-servizz tal-funeral, madankollu f'ċerti każi huwa permissibbli wkoll li ssir it-talba tal-funeral anki mingħajr il-katavru. Dan jissejjaħ Janaza Ghaib, ċoè, is-servizz tal-funeral mingħajr il-katavru mqiegħed quddiem l-Imam, li jmexxi s-servizz tat-talb.

Is-sitwazzjoni tippermetti lill-qraba, ħbieb u kollegi tal-mejjet li jgħixu 'l bogħod, u li għalhekk ma jkunux jistgħu jkunu preżenti fiżikament għas-servizz, biex iwettqu r-rit fil-lokalitajiet tagħhom u jitolbu għall-mejjet.

Ta' min ifakkar, però, li Janaza Ghaib jista' jsir biss wara d-difna u mhux qabel.

Dan il-provvediment jgħodd ukoll f'dawk il-każi fejn ikun impossibbli li jinkiseb il-ġisem għad-difna, pereżempju, minħabba xi għarqa jew inċidenti tan-nar.

كُلُّ مَنْ عَلَيْهَا فَانٍ ۝

وَيَبْقَىٰ وَجْهُ رَبِّكَ ذُو الْجَلَالِ وَالْإِكْرَامِ ۝

Traduzzjoni

'Kull min jinsab fuq l-art jintemm, u jibqa' biss Wiċċ Sidek, Sultan il-Glorja u l-Unur.' (55:27-28)

# Imħabba Għal Kulħadd
# Mibegħda Għal Ħadd

"Muslim Festivals and Ceremonies"
by Rashid Ahmad Chaudhry,
in Maltese language.

www.ahmadiyya.org.mt

9 789995 759070